MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 214/1998/1

**Francis Debono**

**Vs**

**Carmel Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fil-harga tal-Kunsill tal-Marsa Numru: 2 – Ottubru – Novembru – Dicembru 1997, f'pagna numru tlieta (3) hemm indikat artikolu bhala "Messagg" tas-Sindku tal-Marsa, konvenut f'din il-kawza: Dok. "A";

Premess illi fl-istess artikolu hemm indikat b'mod car u manifestament libellus fil-konfront ta' l-attur, meta fit-tieni

paragrafu jghid: “Bidla li minn One Man Council saret All Councillors Council ...”;

Premess illi din l-allegazzjoni ma thalli ebda dubju dwar x’ried jghid u jimplika l-konvenut fil-konfront ta’ l-attur;

Premess illi l-attur, bhala l-parti offeza u malafamata ghandu d-dritt ghad-danni li ma jeccedux hamest elef lira Maltin (Lm5000) a tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan minghand il-konvenut u awtur tal-pubblikazzjoni imsemmija;

Premess illi ghalkemm interpellat biex jirtira formalment din l-allegazzjoni fil-konfront ta’ l-attur, il-konvenut xorta baqa’ inadempjenti;

Ghar-ragunijiet premessi talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

a) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni surriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li tesponih ghad-disprezz u rediklu tal-pubbliku;

b) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa dina l-Onorabbli Qorti f’ammont li ma jeccedix hamest elef liri Maltin (Lm5000) bhala danni ghall-malafama b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa (Kap. 248) tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz ta’ ittra interpellatorja tas-17 ta’ Dicembru 1997 (Dok. “B”);

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament, id-dezerzjoni tal-kawza billi l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fit-termini perentorji stabbiliti mill-Ligi (Artikolu 963, Kap. 12);

2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju tal-premess:-

(a) illi l-attur mhux identifikat jew identifikabbli; u
(b) illi l-istampat *de quo* jammonta ghall "*fair comment*" u ghalhekk mhux libelluz;

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-Verbal ta' l-Udjenza tas-6 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ipprezentata fit-28 ta' Jannar 2002 mill-attur;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut issolleva d-dezerzjoni tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 963 tal-Kap. 12;

Dan l-Artikolu jiddisponi fl-ewwel subinciz tieghu illi f'kull kawza l-procedura bil-miktub tigi maghluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad fi <u>zmien perentorju ta' sitt xhur</u> u fil-qorti fi grad ta' appell, fi zmien perentorju ta' sena. Jinghad ukoll illi fil-qorti ta' l-ewwel grad iz-zmien jibda ghaddej minn dakinhar tal-<u>prezentata tac-citazzjoni</u>;

Issa l-*iter* tal-kawza sakemm inghalqet il-procedura kien dan:-

(I) Ic-citazzjoni giet ipprezentata fit-30 ta' Jannar 1998;

(II) giet iffirmata mill-Imhallef fis-26 ta' Ottubru 1998;

(III) giet appuntata gha-smiegh ghall-udjenza tas-17 ta' Marzu 1999. Il-konvenut la kien notifikat bic-citazzjoni u lanqas bl-avviz ta' dan l-ewwel jum ta' smiegh;

(IV) fit-28 ta' Frar 2000 l-attur ittanta jerga' jinnotifika lill-konvenut u meta falla dan it-tentattiv rega' hareg notifka fit-13 ta' April 2000;

(V) il-konvenut gie notifikat fis-17 ta' April 2000 u l-eccezzjonijiet tieghu gew intavolati fis-27 ta' April 2000;

Huwa ovvju minn dan il-kwadru illi l-procedura bil-miktub ma kinitx inghalqet fil-perjodu statutorju sancit mill-precitat dispost tal-ligi. Jehtieg ghalhekk li jigi ezaminat jekk tali sanzjoni kienetx irremedjabilment ippregudikat il-kawza ta' l-attur;

Mill-gurisprudenza ezaminata, senjatament dawk in materja ta' dezerzjoni fl-istadju ta' l-appell, u li, salv il-varjanti taz-zmien u aspett iehor valevoli li ser jigi ittrattat aktar 'il quddiem, japplikaw *mutatis mutandi* ghal kazijiet ta' procedura quddiem qorti ta' l-ewwel grad, jista' jinghad illi l-praxis tal-Qrati taghna fi zminijiet differenti kienet l-applikazzjoni rigida tas-sanzjoni kontemplata fl-Artikolu 963. Ara fost ohrajn decizjonijiet a **Vol. XXVII P I p 259; Vol. P I p 763**; "**Mary Anastasi et -vs- Avv. Dr. Paul Mallia noe**", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1976; "**G. Bugeja et -vs- C. Camilleri**", Appell Civili, 14 ta' Dicembru 1983; "**Benedict Farrugia -vs- A. Bezzina et**", Appell Kummerc, 15 ta' Gunju 1988;

Fis-sentenza "**Carmelo Galea -vs- Joseph Borg et**", Appell Sede Inferjuri, 7 ta' April 1992, din ir-rigidita` hi ben illustrata:-

"L-artikolu imsemmi jikkwalifika z-zmien indikat bl-aggettiv "perentorju" u din il-kelma tfisser li l-istess zmien huwa deciziv u ma jistax jiggedded u ma jippermettix dilazzjonijiet u tfisser fuq kollox li ma thallix spazju ghall-intervent tal-gudikant biex ikun jista' jvarja dan id-dettam";

Kompla jigi osservat fi-decizjoni "**Marcel Casolani noe -vs- Francis Stivala et noe**" Appell Kummercjali, 19 ta' Mejju 1995, illi "Din il-Qorti, ghalkemm tipprova kemm jista' jkun biex tevita  formalizmu zejjed fl-istess hin ma tistax tiftah il-bibien talment illi ggib fix-xejn il-mizuri minimi u necesarji li l-ligi timponi f'isem il-gustizzja" u "Jekk din il-Qorti tippermetti laxkezza bhal din tkun qeghda taghmel disservizz lis-sistema procedurali u legali taghna kif ukoll lill-istess gustizzja";

Il-Qrati taghna interpretaw ukoll dak li jinghad fis-subartikolu (3) ghall-Artikolu 963, jigifieri illi "jekk jinsab li l-proceduri bil-miktub, f'kawza migjuba fuq il-lista ghas-smiegh, m'humiex maghluqa, l-qorti tista' tordna li din il-kawza terga' tigi mqeghda mal-kawzi li l-proceduri taghhom bil-miktub ikunu ghadhom mhux maghluqa,u tiffissa, ghall-gheluq ta' dik il-kawza, zmien perentorju ta' mhux aktar minn xahar.";

Naturalment is-subartikolu (4) hu attinenti ghal, u ghandu, jinqara unitament ma' dak ta' qablu u fuq citat;

Fil-fehma tal-Qorti ta' l-Appell in re: "**Giuseppa armla Bugeja et -vs- Carmelo Camilleri et**", 23 ta' Jannar 1991 l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lid-disposizzjonijiet tal-ligi hi dik li ghandha "issir distinzjoni bejn dawk il-kawzi li ma jitqeghdux fuq il-lista ghas-smiegh u dawk li jitqeghdu fuq il-lista."  Fil-kaz ta' l-ewwel xorta ta' kawzi "jehtieg li l-proceduri bil-miktub jigu maghluqa fiz-zmien perentorju li ssemmi l-ligi u jekk dan ma jsirx il-kawza titqies dezerta skond l-Artikolu 963 (5); fit-tieni kaz ta' kawzi li jitqeghdu fuq il-lista l-Qorti ghandha l-fakolta` li tordna li l-kawza terga titqieghed mal-kawzi li l-procedura taghhom bil-miktub ikunu ghadhom mhux maghluqa u tiffissa ghall-gheluq ta' dik il-kawza zmien perentorju ta' mhux aktar minn xahar.  F'dan it-tieni kaz pero' jehtieg li l-

kawza tigi migjuba fuq il-lista ghas-smiegh qabel ma tkun diga` giet dezerta.";

Forsi l-gudikat li, b'mod tassew analitiku, esplora sew ir-*ratio legis* ta’ l-Artikolu 963 hu dak moghti mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Frar 1999 fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Xavier Formosa et -vs- Carmelo Mifsud et**". In succint, il-punti gwida fl-insenjament ta' din is-sentenza huma dawn:-

(i) Il-kliem "jitqiesu dezerti" fl-Artikolu 963(5), ghalkemm jimportaw presunzjoni ta' rinunzja, ma jeskludux li jistghu javveraw ruhhom cirkostanzi fejn il-ligi stess tippermetti li din tigi rimedjata meta jkun jidher li r-rinunzja prezunta ex-lege ma tkunx voluta;

(ii) Il-ligi trid tigi interpretata fir-realta` ta' l-*iter* processwali salv dejjem il-principju illi l-interpretazzjoni moghtija tkun strettament fil-parametri tal-kelma u ta' l-ispirtu tal-ligi;

(iii) Sa' fejn kien possibbli, ghalhekk, l-atti kellhom jigu salvati specjalment f'dawk il-kazijiet li altrimenti tkun ser issir ingustizzja manifesta. L-istess dicitura ta' l-imsemmi Artikolu 963 ma teskludix interpretazzjoni aktar wiesgha u favorevoli biex dan l-iskop jigi raggunt. *Ad exemplum* dan jista' jigi inferit mis-subinciz (4) tieghu fejn hemm prospettata l-possibilita` li wiehed jirrinunzja ghall-eccezzjoni tad-dezerzjoni, jew, kif rifless fl-Artikolu 732 (2), Kap. 12, l-eccezzjoni ma tigix sollevata *in limine litis* u qabel kull eccezzjoni perentorja ohra;

(iv) Id-dikjarazzjoni li solitament jaghmel ir-Registratur li l-procedura bil-miktub f'kawza ma kinitx maghluqa fiz-zmien statutorju u li allura dik il-kawza kellha titqies dezerta, tista' biss tigi konsidrata li hi kostatazzjoni ta' fatt u mhux digriet tal-Qorti. Dan kollu jfisser li anke fejn issir din id-dikjarazzjoni l-Qorti mhix prekluza milli tappunta l-kawza ghall-ewwel smiegh taghha biex hekk f'kull kawza ikun jista jigi applikat id-dispost tal-ligi fl-interezza tieghu;

(v) Is-subinciz (3) jaghti s-setgha lill-Qorti li tippermetti diskrezzjoni jekk ic-cirkostanzi jkunu tali li jimmeritaw li l-Qorti tikkoncedi tali vantagg;

Tajjeb li jinghad li l-Qorti ma naqsetx milli tammonixxi ili s-setgha surreferita li  l-ligi takkorda ma ghandiex tigi ezercitata fejn il-Qorti tkun sodisfatta illi l-kaz ma jkunx jimmerita l-indulgenza taghha jew fejn tkun sodisfatta li jekk tinghata dilazzjoni ulterjuri tkun qed issir ingustizzja lil kontro-parti;

Ghall-kompletar tar-rassenja tal-gurisprudenza li segwiet il-konsiderazzjonijiet  deliberati fil-precitata sentenza ssir referenza ghal dawn id-decizjonijiet - "**Peter Ripard et -vs- Alfred Fenech et noe**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999; "**John Bugeja noe -vs- Kummissarju ta' l-Artijiet**", Appell, 29 ta' Ottubru 1999; "**Mary Vella et -vs- Josephine Bugeja et**", Appell, 14 ta' Novembru 2000; "**Silvio Vassallo noe -vs- Walter Mallia et**", Appell, 28 ta' Frar 2001;

Tenut rigward tal-principji appena accennati, fil-kaz prezenti dawn ghandhom jigi apportati ghal zewg sitwazzjonijiet ta' l-*iter* processwali (I) l-appuntament tal-kawza (II) ic-cirkostanza sussegwenti ghad-data ta' l-ewwel smiegh tal-kawza;

Taht l-ewwel ipotesi l-perjodu ta' sitt xhur kien gja estint meta l-Qorti ordnat l-appuntament tal-kawza minn wara l-prezentata tac-citazzjoni.  Billi hu saput li, a kuntrarju tal-qaghda attwali, f'dak iz-zmien certi kawzi kienu jdumu biex jigu appuntati sewwa jinghad illi ma jkunx gust li dan id-dewmien jigi rinfaccjat bih l-attur jew li dan igiblu hsara b'xi negazzjoni tad-drittijiet tieghu.  Sitwazzjoni bhal din tkun distorsjoni tal-gustizzja in kwantu tippenalizza lill-attur intortament;

Mhux l-itess pero` jista' jinghad ghas-sitwazzjoni taht it-tieni ipotesi.  Ghall-attur id-dawl ahmar xeghel fl-ewwel okkazzjoni li fih issejhet u bdiet tinstema l-kawza fis-<u>17 ta' Marzu 1999</u>.  L-attur kellu jkun allarmat mill-bidunett ghan-

nuqqas ta' notifika u ghal fatt li l-procedura bil-miktub ma kinitx ghadha giet maghluqa. Invece huwa halla mhux anqas minn tliet differimenti jiddekorru fuq firxa ta' kwazi sena qabel ma ttanta jerga' jinnotifika lill-konvenut fit-**28 ta' Frar 2000**;

Qabel pero` ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra dak li forsi hu l-aspett l-aktar attinenti ghal kaz, tajjeb li jigi precizat illi l-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq saru biex jigi nkwadrat ahjar l-izvilupp gurisprudenzjali ta' l-Artikolu 963, izda izolat mill-bidla radikali introdotta mil-legislatur fis-subinciz 5(a) tieghu. Kieku din il-Qorti kellha ssegwi l-hsieb tal-ligi taht ir-regim procedurali kif kien u qabel l-emendi apportati ghall-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghas-subincis (5) ta' l-Artikolu 963, ma kien ikollha l-ebda esitazzjoni tiddikjara ili n-negligenza procedurali tal-attur gabet maghha r-rinunzja *per ommissione* ghall-ezercizju tad-dritt tieghu tal-kawza. Issa pero` tali konkluzjoni kapaci tigi rimedjata u sanata bl-appogg tas-subincis (a) ghall-Artikolu 963(5);

Dan jipprovdi illi meta kawza, li l-proceduri bil-miktub taghha ma jigux maghluqa fiz-zmien statutorju, fil-kaz li din tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, "din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li sussegwentement b'ordni tal-Qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikata ...";

Mill-interpretazzjoni li qed taghti din il-Qorti lil dan is-subinciz jidher li l-ligi qed tohloq il-presunzjoni illi fic-cirkostanza hemm prevista l-kawza kellha titqies bhala li thalliet *sine die* jew xort' ohra sospiza, f'liema eventwalita jiskattaw ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 964 sa 967 tal-Kap 12. Proprjament l-Artikolu 964 jipprospetta l-istitut tad-dezerzjoni ghal klassi ohra ta' kawzi li jkunu fil-fatt diga` gew appuntati u forsi wkoll trattati, quddiem il-Qorti u li jkunu gew ghal xi raguni jew ohra sospizi. Bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu u ta' l-ohrajn li jsegwuh ghal kaz prospettat fis-subinciz (5)(a) ta' l-Artikolu 963 il-ligi introduciet salvagwardji godda biex kemm jista' jkun issalva l-atti. Dan ghamlitu bl-introduzzjoni ta' aktar zmien, ex-Artikoli 964 u 965;

Fuq dan il-punt gie hekk osservat minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo in re "**Dr. Tonio Azzopardi -vs- Victor Aqilina et**" 5 ta' Novembru 1999: "kawza quddiem l-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub fiha ma jkunux inghalqu fi zmien sitt xhur ma titqiesx dezerta malli jghaddu sitt xhur, izda titqieghed fuq il-lista tal-kawzi differiti *sine die* jew sospizi, u jkun wara li jghaddi aktar zmien imfisser fl-Artikolu 964 u 965 li titqies dezerta."

Dato din is-sitwazzjoni u bl-animu li ssalva l-atti l-Qorti hi preparata li ma taddottax ir-rigur sanzjonali dettat minn kazistika anterjuri. F'dan hi assistita, u, anzi ghandha l-konsolazzjoni, ta' l-emenda modifikatrici espressa fid-dettam tal-ligi. Dan igib ghar-rizultat illi, mehud issa in konsiderazzjoni l-estensjoni taz-zmien legali, l-agir ta' l-attur fir-rigward tan-notifika ta' l-atti ghandu jigi rigwardat minn ottika aktar flessibbli u benigna. Dan bl-iskop animatur li l-kawza tigi salvata.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tirrispingi l-eccezzjoni preliminari tad-dezerzjoni tal-kawza avvanzata mill-konvenut;

Bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

Il-kawza qed tigi differita ghat-trattazzjoni fil-mertu.

(ft) Philip Sciberras

______________________

Onor Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur